MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 20

16 ta' Diċembru 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, li jinsab fi Ġnien Ħal Warda, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Remigio Bartolo – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-6.38pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post, kienu preżenti fil-ħin, bl-eċċezzjoni tas-Sur Remigio Bartolo li kien jinsab indispost. Is-Sur Cordina qal talba għas-Sur Martin Mifsud Mintoff raġel tas-Segretarju Eżekuttiv li kien jinsab rikoverat l-isptar.

## 20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

20.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha l-ittra t'apoloġija tas-Sur Remigio Bartolo li xtaq ikun skużat minħabba impenji oħra.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

20.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 19 ġew approvati.

## 20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

20.3.1 *Accordian Band*

Is-Sur Cordina informa lill-membri preżenti li fit-25 ta' Novembru irċieva ittra b'talba biex jintuża ċ-Ċentru sabiex isiru l-provi mużikali tal-Accordian Band. Kulħadd qabel u għalhekk din it-talba ġiet milqugħa.

20.3.2 *Noise Pollution*

Is-Sur Cordina nforma lill-Kunsill ilhom xhur jiddbattu fuq in-*noise pollution* liema liġi għad trid tgħaddi mill-Parlament kif kulħadd jaf. Però dan l-aħħar, kompla jgħid li ġie avviċinat minn xi persuni rigward avveniment kbir li sar ġewwa Ta' Qali u li nstema sew minn Ħ'Attard. Din il-persuna talbet biex isir *consultation meeting* u jitkellmu mal-Kunsill sakemm kif jgħidu *they do not shoot the Messenger.* Dr. Musumeci qal li tista' tiġi preżentata petizzjoni. Is-Sur Cordina qal li petizzjonijiet ġew preżentati tnejn liż-żewġ gvernijiet u s'issa ma ttieħdet l-ebda azzjoni. Wara l-festi se jsir kuntatt ma' dawn in-nies sabiex tiġi organizzata din il-laqgħa.

20.3.2 *Invit Dar Santa Katerina*

Qal li l-Kunsill ġie mistieden għall-attività nhar il-Ħamis, 18 ta' Diċembru fl-4.30pm.

## 20.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

20.4.1 Dr. Ralph Cassar

- Irrimarka li l-laqgħat pubbliċi mhux qed jiġu avżati skont il-liġi. Qal li suppost skont Artiklu 70 isiru April u Diċembru kull sena u kwota tali artiklu:

(1) Il-Kunsilli Lokali għandhom isejjħu żewġ laqgħat annwali tal-lokalità – (a) laqgħa annwali li għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta’ Diċembru ta’ kull sena sabiex jippreżentaw l-estimi finanzjarji qabel il-laqgħa tal-Kunsill li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja li tkun ġejja; u (b) laqgħa annwali oħra sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta’ April ta’ kull sena fejn fiha jippreżenta r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta’ Ħidma.

Kompla jgħid li sub-artiklu 2 jgħid li:

(2) L-ewwel item fuq l-aġenda ta’ kull laqgħa annwali għandu jkun il-qari tal-minuti tal-aħħar laqgħa."; "(2) Il-laqgħat annwali tal-lokalità għandhom isiru f’dak il-post li l-Kunsill Lokali jistabbilixxi u li jkun aċċessibbli għal kulħadd. Avviż ta’ dawk il-laqgħat għandu jkun notifikat permezz ta’ ittra mibgħuta f’kull residenza, negozju u għaqdiet fil-lokalità u fuq il-website u pubblikat fuq il-media soċjali tal-kunsill sa mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata mid-data tal-laqgħat.";

Hu qal li l-liġi tgħid hekk. Is-Sur Cordina qal li fuq il-gazzetta tal-Gvern saret imma FB u notifika dar dar le. Dr. Cassar qal li qed jirribatti biss il-mod kif qed jiġu notifikati n-nies u li suppost saret laqgħa oħra f’April.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik hi liġi tal-2020 fejn mhux qed jittieħed in kunsiderazzjoni li dak iż-żmien kien hemm tliet awdituri u bħalissa wieħed u l-awditjar tal-Kunsill ta’ Ħ’Attard tlesta f’Mejju bl-estimi finanzjarji jiġu preżentati f’Ġunju, allura qatt ma setgħet issir laqgħa pubblika f’April. Dr. Cassar qal li hi qed tirrispondih, fuq għala ma saritx il-laqgħa t’April, imma mhux għala ma ġietx avżata kif suppost. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik mhux min-naħa tagħha filwaqt li s-Sindku qal li *point taken* tibda ssir.

- Saqsa kif marru fl-attivitajiet tal-Milied. Is-Sur Cordina qal li marru tajjeb ħafna bl-għajnuna tal-istaff u inizjattivi li saru. Il-Bazaar mar tajjeb ħafna u nġabru fuq €2000, kien hemm ir-rigali tat-tfal, ordnati fuq ideja tas-Sinjura Fsadni, it-tiżjin fuq barra bl-għajnuna tas-Sur Valletta u lill-Father Christmas li din is-sena kienu tlieta differenti.
- Semma is-siġar (Bagular) li ġew sponsorjati minn BNF Bank bl-għajnuna ta’ ACT

## 20.5 Rapporti

20.5.1 Approvazzjoni ta' Baġit 2026

Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjega ta' dan ir-rapport kif jidher hawn taħt.

Ħarsa Ġenerali Finanzjarja

Sommarju tal-Pożizzjoni Finanzjarja għas-sena 2026

Huwa previst qligħ ta' €24,000, li jirriżulta mill-fatturi elenkati hawn taħt:

Varjazzjonijiet u Aġġustamenti Ewlenin

Allokazzjoni
Ġiet irreġistrata żieda fl-allokazzjoni ta' €45,000.

Spejjeż Operattivi
L-ispejjeż operattivi nżammu konformi ma' dawk tal-2025, mingħajr devjazzjonijiet materjali.

Spejjeż tal-pagi
Żieda ta' €9,000 fl-ispejjeż tal-pagi hija attribwita għall-impjieg ta' ħaddiem ġdid li beda jaħdem f'Marzu 2025. Din tinkludi wkoll stima tal-ispejjeż tas-salarji għas-sena 2026.

Programm ta' Ġemellaġġ
Ġiet allokata somma ta' €10,000 fir-rigward tal-ġemellaġġ

Deprezzament
Spejjeż mhux rekuperabbli li jammontaw għal €70,000, li jirriflettu żieda ta' €7,000.

Kera tal-Uffiċċju
Ġie applikat tnaqqis ta' €5000 fil-kera tal-uffiċċju minħabba li l-Uffiċċini mxew għall-post b'kera ta' €500 fix-xahar.

Tqabbil ta'perċentwali tal-FSI
- 2025: 112%
- 2026: 64%

Kapitalizzazzjoni
Se jiġu kapitalizzati:
- L-uffiċċini l-ġodda
- It-tagħmir tal-kompjuter li se jsir fil-bini qadim tal-uffiċċini

Se jkun hemm tnaqqis ta' €225,000 mid-dħul diferit għas-sena 2026 minħabba din il-kapitalizzazzjoni.

**Dħul Differit**

Ġie applikat tnaqqis ta' €225,000 (Q3 Tlestija ta' Ġnien il-Palma) li qed jiġi trattat bħala dħul differit.

**Għotjiet Ġnien il-Palma (Grants)**

L-għotjiet riċevuti ġew nettjati kontra l-ispejjeż tal-proġett, skont l-istandards tal-kontabilità.

L-istess bil-proġett tal-Fuklar minħabba

**Proġetti u Skedi ta' Żmien**

- Ġnien il-Palma – tlesta f'Ottubru 2025
- Ġnien tal-Fuklar – previst li jitlesta f'Diċembru 2025

**Kuntratti**

- Kuntrattur: Joe Tabone
- l-aħħar pagament dovut se jsir fl-1/10/2026

Dr. Cassar saqsa jekk €10,000 tal-ġemellaġġ jinġabu minn x'imkien ieħor bħalha grant jistgħux il-fondi jiġu utilizzati għall-attivitajiet oħra fil-komunità? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jistgħu imorru fuq attivitajiet kulturali differenti tipo FierAmbjent. Qalet li fl-ispejjeż tal-Komunità hemm imdaħħlin dawk ta' kuljum bħal tal-anzjani 60+ u oħrajn. Qalet ukoll li jistgħu isiru attivitajiet oħra differenti fis-Sajf bħal ma jsiru f'Kunsilli oħra. L-istaff spiss ikollu idejat innovattivi li ġieli laqtu l-komunità b'mod differenti u stiednet lill-Kunsilliera joħorġu b'idejat ta' attivitajiet li jistgħu isiru mhux jillimitaw ruħhom għal dawk li hemm biss.

Dr. Cassar saqsa wkoll jekk fil-baġit hemmx imdaħħlin l-iskemi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm imdaħħlin dawk kommessi.

Fakkar fil-*bike repair station* liema għeluq hi 31 ta' Diċembru 2025.

Dan ir-rapport ġie unanimament maqbul u approvat.

## 20.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 20.6.1 *Applikazzjoni Fondi tal-LESA update*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li fuq direzzjoni tad-Direttur Ġenerali intefgħet applikazzjoni għall-għajnuna finanzjarja biex il-Kunsill jingħata xi fondi minn Ġnien l-Istazzjon. Hi qalet li din l-iskema tkopri fondi ġa maħruġa għas-sena 2024 liema applikazzjoni tal-Kunsill kienet tkopri l-ispiża tal-vann ġdid tal-anzjani. Is-Segretarju

Eżekuttiv qalet li huma kienu ġabu kważi l-fondi kollha imma pruvat bil-proġett tal-istazzjon minħabba l-qagħda finanzjarja kif inhi.

20.6.2 *Approvazzjoni ta' Leave tal-Ħaddiema biex jinġarr għas-sena 2026*

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni l-leave kif ġej:

Sharon Debono 11.25-il jum
Joanne Aquilina 12-il jum
Kaiden Bonello 3 t'ijiem
Arthur Caruana 12-il jum
Christopher Deguara 12-il jum
Karen Fsadni 12-il jum
Diandra Borg Fenech 12-il jum
Yanica Sammut 12-il jum

Dan il-*leave* ġie approvata.

20.6.3 *Approvazzjoni ta' Performance Bonuses 2025*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din is-sena kien hemm żieda ta' Christopher Deguara u Kaiden G. Bonello, 1 *full time* u l-ieħor *part time*. Il bonus se jitħallas pro rata fuq iż-żmien ta' impieg. Hi qalet li l-interess li l-ħaddiema għandhom fix-xogħol juri li dawn jiġu għax-xogħol għall-qalbhom, li għalkemm ikun xi nuqqas ta' qbil dejjem irrimedjaw sal-aħħar tal-ġurnata. Qalet ukoll li ġieli, hi personali tidħol b'tempra differenti u tibda tara diversi affarijiet li tiġbed l-attenzjoni fuqhom, u li għandha dritt tagħmel dan għax hekk hu xieraq. Hi kompliet tgħid li ftit li xejn hemm xi żżid u m'hemmx xi tgerger fuq il-livell ta' xogħol, li s-Sur Deguara integra sew mal-ħaddiema l-oħra wkoll u li Kaiden ħarġet bl-idea li jtuħ ftit feedback klerikali u hemm il-ħsieb li dan jibda jikkumplimenta l-ħaddiema l-oħra fil-*front office*, anki meta jkun hemm l-attivitajiet iċ-Ċentru tal-Kultura Edukazzjoni u Informazzjoni, minn issa l'quddiem magħruf bħalha 'Ċentru'.

Ir-rakkomandazzjoni tagħha hi li jingħataw il-*full* tal-*performance bonus 10%.*

Is-Sur Alex Mangion qal li ilu fil-Kunsill dejjem ra xogħol pożittiv u dejjem baqgħu ħbieb anke meta ma qablux. Dr. Cassar qal li taħdem flimkien ma jfissirx li mhumiex ħbieb bħal istanzi meta jkun hemm suġġett u hu jivvota kontra.

Kulħadd qabel li jingħataw 10%.

Is-Sur Cordina qal li issa bħalma s-Segretarju Eźekuttiv għaddiet il-ġudizzju tagħha fuq il-ħaddiema, irid jgħaddi l-ġudizzju tiegħu fuq is-Segretarju. Hu tenna li bit-tajjeb u l-ħażin tagħha bħalma għandu t-tajjeb u l-ħażin tiegħu il-miżien ixaqleb fuq it-tajjeb u għaldaqstant m'għandux xejn iktar xi jżid u jekk huma jaqblu jirrakommanda li s-Sinjura Mifsud Mintoff tingħata l-*full* ukoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv rringrazzjat lill-Kunsill u qalet li hi tipprova timxi ekwu ma' kulħadd, li l-pożizzjoni tagħha mhix faċli, l-*workload* tagħha fuq il-post tax-xogħol taf x'inhu, imma hemm ukoll il-piż tad-dar u l-familja u l-ħajja tagħha mhix faċli, li kif jaf kulħadd hemm ommha tiddependi minnha, issa r-raġel ukoll, li ma tidħolx ix-xogħol kuljum burdata tajba, imma li jekk għall-argument xi Kunsillier u talabha xi dokument jew e-mail, qegħda sptar jew fejn qegħda taqbad u tagħmilha mill-ewwel.

Kulħadd qabel li tingħata 10%.

## 20.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

20.7.1 L-iskeda ta' pagamenti ġiet iċċekkjat minn Dr. Caruana u Dr. Cassar.

Dr. Cassar saqsa xi jfisser Pub Con f'item 13:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | Joseph Farrugia | €955.80 | €955.80 | T | PF | Tender |
| Pub Con May | 26.08.2025 | 34 | N/A | N/A | I.B. | |

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ifisser Public Convenience

Is-Sindku saqsa min jipproponi u min se jissekonda.

Proponent: Sur Paul Ciantar Sekondant: Sur Alex Mangion

L-iskedi ġew approvati.

## 20.8 Mozzjonijiet; u

20.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 20.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

20.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.17pm u ġiet aġġornata għat-13 ta' Jannar 2026 fil-5.30pm

Konfermati illum, 13 ta' Jannar 2026.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud Mintoff
Segretarju Eżekuttiv